10 ta' Frar, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Il-Pulizija** *versus* **Philip Falzon**

## Kartelluni — Morali u Pudur Publiku.

***Il-Qorti ma tistax tikkundanna bħala offensiv għall-morali u għall-pudur publiku kartellun enimmatiku u inkomprensibili fuq semplići kongetturi u razjoċinji immaġinarji, u fuqhom tikkundanna bħala ħati ta' reat lill-awtur ta' dak il-kartellun.***

Fuq l-akkuża kontra l-imputat, talli l-Belt, fit-12 ta' Novembru 1950, per mezz ta' publikazzjoni ta' 'poster' li fih uża l-kliem ekwivoku "Maternity Monks Needed", offenda l-morali u l-pudur publiku, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tat-30 ta' Novembru 1950, wara li rat l-art. 11 (1) tal-Kap. 117 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet l-imputat ħati skond l-akkuża; u, wara li kkunsidrat li dak kien l-ewwel reat ta' l-imputat, ordnat li l-imputat jiġi liberat taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 23 tal-Liġijiet Kriminali;

L-imputat appella quddiem dina l-Qorti kontra dik is-sentenza;

***Omissis;***

Il-Prosekuzzjoni u l-Ewwel Qorti sostnew li bil-kartel-

lun fuq im-semmi, li l-imputat ammetta li kiteb u ppublika, offenda indirettament il-moralità u l-pudur pubbliku, minħabba li l-kliem kien jiftiehem f'sens ħażin. L-Ewwel Qorti fis-sentenza qalet li huwa ċar li indirettament dawk il-kliem jilledu l-moralità u l-pudur, bla ma qalet l-għala, kif u b'liema mod. Il-Qorti taqbel ma' l-Ewwel Qorti li dak il-kartellun bil-kliem "Maternity Monks Needed" ma jiftihemx fis-sens li kien hemm bżonn ta' saċerdoti fl-Isptar tal-Maternità, kif f'dina l-kawża l-imputat qal li ried ifisser. Iżda min-banda l-oħra dina l-Qorti lanqas tista' tifhem xejn konkret b'dawk il-kliem; u fil-fehma tal-Qorti dawk il-kliem huma enimmatiċi u inkomprensibili, u l-Qorti ma tistax toqgħod tipprova tikkonġettura u tadopera l-immaġinattiva tagħha biex tfittex l-ispjegazzjoni f'xi allużjoni għal xi ħaġa ħażina, immorali jew skandaluża; iżjed u iżjed meta fit-trattazzjoni tal-kawża l-Prosekuzzjoni lanqas fissret għal x'hiex u għal min dawk il-kliem setgħu kellhom allużjoni f'sens ħażin. Il-Qorti ma tistax tikkundanna bħala offensiv għall-morali u għall-pudur kartellun enimmatiku u inkomprensibili fuq sempliċi konġetturi u razjoċinji immaġinativi, u fuqhom tikkundanna bħala ħati ta' reat l-awtur tal-kartellun;

Għaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti, il-kartellun fuq imsemmi ma jistax jiġi miżmum bħala offensiv tal-moralità jew tal-pudur:

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-imputat, u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-imputat.

---